MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 720/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Debono Michelle**
**ID 568375 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf u tlett Euro erbgha u tmenin centezmu (€ 1,003.84) in konnessjoni ma' 99517740 (AC51051597), liema servizzi gew ikuntrattati permezz ta' kuntratti datati 15 ta' April 2010.

Illi s-somma ta' elf u tlett Euro u erbgha u tmenin centezmu (€ 1,003.84) in konnessjoni ma' 99517740 (AC51051597) fuq indikata hija komposta minn tmien mija erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€

824.84) dovuti in konnessjoni mas-servizz 99517740 u dan skont Dokument A anness, flimkien ma’ mija disgha u sebghin Euro (€ 179) dovuti bhala penali skond Dokument B anness.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2247/12.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok a sa Dok E.

Ra n-noti ta’ riduzzjoni li gew pprezentati mis-socjeta’ attrici datati 26 ta’ April 2013, 31 ta’ Mejju 2013 u 10 ta’ Settembru 2013; ra li ghalhekk il-bilanc dovut jammonta ghal erba’ mija tlieta u sittin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€ 463.84).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija tlieta u sittin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€ 463.84), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------